REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1209

tad-9 ta' Lulju 2019

li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ("Antequera" (DOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Spanja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta "Antequera", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 417/2006 ([2]), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 295/2014 ([3]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda, kif meħtieġ skont l-Artikolu 50(2)(a) tal-istess Regolament, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]).

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar id-denominazzjoni "Antequera" (DOP), hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 417/2006 tal-10 ta' Marzu 2006 li jikkompleta l-anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 rigward ir-reġistrazzjoni ta' ċerti denominazzjonijiet fir-"Reġistru ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" (Pimiento Asado del Bierzo — [IGP], Fico bianco del Cilento — [AOP], Melannurca Campana — [IGP], Montes de Granada — [AOP], Huile d'olive de Nice — [AOP], Aceite de la Rioja — [AOP], Antequera — [AOP]) (ĠU L 72, 11.3.2006, p. 8).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 295/2014 tal- 20 ta' Marzu 2014 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Antequera (DPO)] (ĠU L 89, 25.3.2014, p. 30).
([4]) ĠU C 36, 29.1.2019, p. 24.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni